MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1301/2002/1

GasanMamo Insurance Agency Limited u din
Ghan-nom u in rapprezentanza
tas-socjeta
Estera CGU Insurance plc hekk kif
surrogati
Fid-drittijiet tal-assikurata taghha
Nicolina
Agius sija bil-polza u sija bil-ligi u l-
istess
Nicolina Agius

Vs

Keith Cassar.

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm722.33) ammont dovut mill-konvenut bhala hlas ta’ danni kkawzati fuq il-vettura bin-numru GAD 313 misjuqa mill-attrici, assikurata mis-socjeta attrici li hija surrogata fid-drittijiet taghha (filwaqt li l-istess attrici ghandha interess li tirkupra Lm25 bhala excess minnha mhallas) waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku habat gol-karrozza imsemmija fi Triq Aldo Moro fis-6 ta’ Awissu 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. L-incident in kwistjoni sehh fi Triq Aldo Moro, Marsa fis-6 ta’ Awissu 2001.

2. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni [lejn Valletta] fuq karreggjati differenti; dik misjuqa mill-konvenut fil-karreggjata ta’ gewwa [li tigi mal-bankina] u dik misjuqa mill-attrici fil-karreggjata ta’ hdejha.

3. Iz-zewg sewwieqa taw verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xuxlin. Filwaqt li l-konvenut jikkontendi li kienet il-vettura misjuqa mill-attrici li dahlet fil-vettura tieghu, l-attrici xehdet li kienet il-vettura tal-konvenut li gibdet ghal fuqha u laqtitha.

4. Fl-atti nsibu dikjarazzjoni datata 15 ta’ Ottubru 2001 u li giet iffirmata minn Gaetano Buttigieg. Fihna jinghad li: *“niddikjara li rajt l-accident li sehh nhar is-6 ta’ Awissu 2001 filghaxija minhabba li nzertajt ghaddejt minn fuq il-*

*post dak il-hin. Kont propju jien li mort nghamel ir-rapport fl-ghassa tal-pulizja tal-Marsa. Fil-hin tal-incident sid il-Mazda ammetta li kellu tort tant li qal li kellu jikser ghal gos-Citroen biex jevita li jaqbad il-bankina.* ***<u>Hu qal li xi hadd issikkah u biex ma jinfaqax qol-bankina kiser ghan-naha ta' barra tat-triq u dan bil-konsegwenza li sab u faqa' is-Citroen li kien qed issuq fil-lane taghha.</u>*** *Meta s-sid tas-Citroen rat li s-sewwieq tal-Mazda ammetta imxiet bil-kalma kollha u ma bassret qatt li dan se jdaw id-diskors li kien qal prorpju fuq il-post tal-incident. Waqt li lest biex naghtik kull ghajnuna dwar dan l-incident inselli ghalik".* Meta xehed quddiem it-Tribunal Gaetano Buttigieg ma ftakar xejn dwar l-incident meritu tal-kawza. Izda kkonferma li d-dikjarazzjoni inkitbet u giet iffirmata minnu. Ghalkemm dan ix-xhud meta tela' fuq il-pedana ma seta' jiftakar xejn fuq l-incident meritu tal-kawza, il-kontenut tad-dikjarazzjoni tikkorabora dak li xehedet l-attrici:- ***"id-driver tal-vettura l-ohra li kien il-konvenut qalli li kienet issikkatu vettura ohra u qalli illi meta kien ser jigi fil-bend, jigifieri fil-liwja, kien ser jiehu jew lili jew il-bankina"*** [fol. 19].

5. Il-konvenut ikkonferma li kien jaqbel mal-pozizzjoni tal-vetturi kif murija fl-iskizz a fol. 16 tal-process. Jigi rilevat li fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz, il-verzjoni moghtija mill-konvenut taqra:-

*"Was proceeding along Aldo Moro Street from the direction of Paola heading towards Valletta on the right [recte left] lane and as* ***<u>he was taking the bend</u>*** *car GAD 313 which was on his left [recte right] lane and also,* ***<u>taking the bend</u>*** *pulled on his side and they collided"*.

Meta xehed quddiem it-Tribunal [seduta tad-9 ta' Ottubru 2003] u nqratlu l-verzjoni tieghu kif tinsab fl-okkorrenza, il-konvenut iddikjara li ma kienx jaqbel biss mal-fatt li l-kelma *right* kellha taqra *left* filwaqt li l-kelma *left* kellha taqra *right*.

6. Mill-iskizz jirrizulta li l-incident ma sehhx fil-liwja kif allega l-konvenut fil-verzjoni moghtija lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, izda fil-parti dritta tat-triq. Fic-cirkostanzi t-Tribunal jemmen li l-verzjoni moghtija mill-attrici hija dik verosimili u li r-responsabbilta ghall-incident hija tal-konvenut.

7. Inoltre, t-Tribunal jemmen li kieku l-affarijiet graw bil-mod li ddeskriva l-konvenut [fis-sens li kienet il-vettura ta' l-attrici li gibdet ghal fuq il-vettura misjuqa mill-konvenuta] il-probabilita kienet tkun li l-konvenut jitlef il-kontroll u jibqa' diehel fil-bankina.

8. Dwar id-danni reklamati dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm722.33), bl-imghax kif mitlub.

Spejjez ghak-karigu tal-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------